# 59. Talba għal Malta

*(immużikata mis-surmast Carmelo Pace)*

Omm Alla tiegħi
waqt li kont miexi
qalb il-kampanja
nilmaħ kappella tiegħek,
waħda mill-għadd
li għandek imxerrdin ma' Malta tagħna.

Omm Alla tiegħi,
kemm hija ħelwa
d' id-dwejra żgħira tiegħek
siekta weħidha,
imdawra bil-busbies u bil-berwieq,
kif kienet f'ħajtek
id-dwejra żgħira tiegħek
fuq il-għoljiet ħelwin ta' madwar Efsu!

Omm Alla tiegħi,
inti malajr ilqajtni,
donnok kont tistennieni
biex niġi ngħid fil-kwiet żewġ kelmiet miegħek.
Dak wiċċek ħelu
inissel fija
il-ġibda lejn is-safa u lejn it-tieba
li l-Mulej Alla bagħtek
biex tnissel qalb l-ulied bniet t'Eva.
Dik qalbek kollha ħeġġa
issaħħaħ fija
l-imħabba lejn il-familja
l-imħabba lejn il-proxxmu,
l-imħabba lejn l-ulied kollha tal-bniedem,
bojod u suwed,
u ta' kull lewn.

F'dirgħajk int terfa'
'l ibnek tarbija ċkejkna
b'imħabba u għożża kbira:
int tassew omm!
Iżda, Marija,

inti mhux biss int l-omm ta' Ġesù ibnek
iżd' omm il-bnedmin kollha;
għalhekk qalbek ħanina
lesta sabiex titilqu
minn driegħek biex imur
imut fuq is-salib għall-bnedmin kollha.

Omm Alla tiegħi
għalhekk ħabbewk
missirijietna;
dejjem fik ittamaw,
u int ħanina
kont dejjem il-ħelsien u l-faraġ tagħhom,
Omm Alla tiegħi
issokta bierek
lil Malta tagħna
kif dejjem int berikt;
bierek il-ħidma tagħna,
ħarisna mill-għedewwa,
ħeġġeġ l-imħabba f'qalbna
biex f'Malta jsaltnu
il-għaqda u l-ftehim,
ix-xogħol u s-sagrifiċċju,
is-sliem, it-tieba, s-sewwa.

*23.2.1972*